# MUŻIKA MUŻIKA - IL-VJAĠĠ IKOMPLI
# PROGRAMM TELEVIŻIV (OTTUBRU – DIĊEMBRU 2021)

Festivals Malta għandu pjaċir li jniedi Mużika Mużika - il-Vjaġġ Ikompli, programm televiżiv bil-għan li tingħata opportunità lill-kantanti ġodda.

Din l-opportunità ser tkun tikkonsisti minn taħriġ ħolistiku fil-qasam tal-ispettaklu minn nies esperti f'oqsma relatati.

It-taħriġ ser jieħu forma ta' programm televiżiv li ser jixxandar fuq TVM kull nhar ta' Ħadd, mit-3 t'Ottubru 'l quddiem.

## Termini u Kundizzjonijiet

### 1. Kriterji ta' eliġibilità

1.1. Il-programm televiżiv hu miftuħ għal persuni ta' bejn is-sittax (16) u l-wieħed u għoxrin (21) sena li għandhom ikunu ta' nazzjonalità jew ċittadinanza Maltija jew ċittadinanza doppja fejn almenu waħda tkun Maltija.

1.2. L-applikanti jridu jkunu għalqu sittax (16)-il sena sal-aħħar ta' Lulju 2021, u ma jkunux għalqu (22) sena sal-aħħar ta' Lulju 2022 . Għaldaqstant kopja tal-karta tal-identità għandha tiġi sottomessa ma' kull applikazzjoni.

1.3. Is-sottomissjonijiet li ma jkunux kompluti jkunu kkunsidrati nulli u ma jiġux aċċettati.

1.4. L-applikanti ma jistgħux jkunu pparteċipaw fil-finali ta' edizzjonijiet passati tal-Malta Eurovision Song Contest, Mużika Mużika 2021, u X Factor Live Shows.

1.5. L-applikanti jridu jkunu disponibbli għat-taħriġ u filming minn nofs Awwissu sa nofs Settembru 2021 fid-dati t'hawn taħt:

1.5.1. Tnax (12) t' Awwissu – Live Auditions;

1.5.2. Sittax (16) t' Awwissu sal-5 ta' Settembru 2021 – filming (weekends inklużi).

Id-dati u l-ħinijiet jingħataw fl-istadju finali tal-għażla.

## 2. Proċess għal waqt l-istadju tal-applikazzjoni

2.1. Fl-applikazzjoni għandhom jiġu provduti dawn:

2.1.1. Vidjow qasir ta' mhux iktar minn minuta fejn titkanta kanzunetta preferibbilment bil-Malti. Dan il-filmat jista' jittieħed bil-mowbajl u m'hemmx għalfejn ikun iffilmjat b'mod professjonali. Il-kanzunetta m'hemmx għalfejn tkun sħiħa imma jrid ikun hemm tal-inqas minuta.

2.1.2. Vidjow qasir fejn l-applikanti jintroduċu lilhom infushom u jispjegaw għalfejn għandhom ikunu parti minn dan il-programm. Dan il-vidjow jista' jittieħed bil-mowbajl u m'għandux ikun itwal minn minuta.

2.2. L-applikanti għandhom jindikaw jekk idoqqux xi strument.

2.3. L-applikazzjonijiet huma miftuħa bejn il-Ġimgħa, tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju u l-Ġimgħa, sitta (6) t' Awwissu 2021 fuq is-sit: www.muzikamuzika.org/applikazzjoni-vjagg.

2.4. Il-parteċipanti huma obbligati li fl-applikazzjonijiet jinkludu kopja tal-karta tal-identità minn quddiem u minn wara.

2.5. Id-deċiżjonijiet tal-ġurija f'kull fażi tal-għażla ikunu finali u inappellabbli.

2.6. Fl-ewwel stadju il-ġurija magħżula ser tkun qed tagħmel shortlisting tal-applikazzjonijiet sabiex dawk li jgħaddu għall-fażi li jmiss jattendu għall-live auditions li ser isiru fit-tnax (12) t' Awwissu.

2.7. L-organizzaturi għandhom d-dritt li jużaw il-filmati viżivi meħuda waqt il-live auditions sabiex jintwerew fil-programm jew f'xi materjal promozzjonali.

## 3. Il-Programm

3.1. Ser jintgħażlu sitt (6) kantanti mhux stabbiliti għall-programm televiżiv li ser ikun irrekordjat u li ser jixxandar fuq TVM minn Ottubru 2021.

3.2. Il-parteċipanti ser jingħataw taħriġ ħolistiku fil-qasam tal-ispettaklu minn nies esperti f'oqsma relatati.

3.3. Fil-programm finali ser jintgħażel rebbieħ(a) permezz ta' ġurija taħt superviżjoni legali.

## 4. Il-Premjijiet

4.1. Ir-rebbieħ(a) tal-programm awtomatikament ser jkun qed jikkompeti fis-semifinali tal-Festival Mużika Mużika 2022.

4.2. Ir-rebbieħ(a) tal-programm se jingħata għajnuna finanzjarja, sa massimu ta' €2,000, li tkopri spejjeż marbuta mal-produzzjoni u l-kompożizzjoni tal-kanzunetta li biha ser ikun qed jipparteċipa fil-Festival Mużika Mużika 2022.

## 5. Termini Ġenerali

5.1. Is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għal 'Mużika Mużika - il-Vjaġġ Ikompli' timplika l-aċċettazzjoni ta' dawn ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet.

5.2. Il-parteċipanti huma mitluba jonoraw id-dati u l-ħinijiet tal-provi, sound checks, filmati pubbliċitarji u intervisti sabiex jikkontribwixxu għas-suċċess ta' dan il-programm. Fil-każ ta' nuqqas ta' ko-operazzjoni rigward attendenza, ħinijiet ta' provi jew nuqqasijiet oħra mill-parteċipanti, dan jista' jirriżulta fi skwalifika awtomatika.

5.3. Kull data personali marbuta mal-parteċipanti ser tintuża biss taħt il-leġiżlazzjoni attwali 'DWAR IL-PROTEZZJONI U L-PRIVATEZZA TAD-DATA'. Abbażi ta' dan, d-data ma tkunx żvelata lil persuni terzi mingħajr il-kunsens minn qabel tal-parteċipanti.

5.4. Festivals Malta jirriżerva d-dritt li jikkanċella l-kompetizzjoni jekk jinqalgħu ċirkostanzi barra mill-kontroll tiegħu.

5.5. Festivals Malta mhux responsabbli għal kwalunkwe disputa li jista' jkun hemm.

5.6. Id-direzzjoni finali u artistika hija esklussivament f'idejn Festivals Malta, li għandu diskrezzjoni ta' kif jidher il-parteċipant viżwalment fuq it-televiżjoni.

5.7. Fil-każ li kantant jiġi skwalifikat, id-deċiżjoni ta' Festivals Malta hija finali, mhux sindakkabli mill-ebda Qorti u mhux soġġetta għall-ebda mandat ta' inibizzjoni.

5.8. L-organizzazzjoni tesiġi li d-dritt tal-liberta tal-espressjoni tal-parteċipanti fil-limiti tal-liġi għandu jiġi rispettat. Il-parteċipanti huma mfakkra illi l-liġi tipprojbixxi, fost affarijiet oħra, l-użu ta' kliem jew materjal ieħor li jhedded, jinsulta jew li jkun abbużiv ta' persuni oħra b'mod li x'aktarx jinstiga l-vjolenza jew il-mibegħda kontra tagħhom minħabba l-ġeneru, l-identita' tal-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, r-razza, l-kulur, il-lingwa, l-oriġini etnika, r-reliġjon jew it-twemmin, jew l-opinjoni sew politika sew ta' xort'oħra. (Referenza 82A tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta).

## 6. Tibdiliet

6.1. Festivals Malta jirriżerva d-dritt, fid-diskrezzjoni unika tiegħu, li jimmodifika jew jibdel dawn it-termini fi kwalunkwe ħin. Jekk ir-reviżjoni hija materjali, Festivals Malta jipprovdi avviż bil-miktub lill-persuni kkonċernati. Dak li jikkostitwixxi bidla materjali ser jiġi ddeterminat fid-diskrezzjoni ta' Festivals Malta.

## 7. Ftehim ta' Kunfidenzjalità

7.1. Festivals Malta jista' jiżvela d-data personali tal-parteċipanti in bona fede fejn hu meħtieġ:

7.1.1. Biex jikkonforma ma' obbligu legali;

7.1.2. Biex jipproteġi u jiddefendi d-drittijiet jew il-propjetà tal-programm;

7.1.3. Biex jipprevjeni jew jinvestiga nuqqas ħażin b'rabta mas-servizz;

7.1.4. Biex jipproteġi kontra r-responsabbiltà legali;

7.1.5. F'każ ta' contact tracing minħabba l-pandemija.

7.2. Ħażna ta' Data: Festivals Malta jżomm id-data personali tiegħek biss sakemm ikun meħtieġ għall-finijiet stabbiliti f'din ir-regola tal-privatezza: Aħna nżommu u nużaw id-Data Personali tiegħek sal-punt meħtieġ biex tikkonforma mal-obbligi legali tagħna (per eżempju, jekk aħna meħtieġa li nżommu d-data tiegħek biex tikkonforma mal-liġijiet applikabbli), insolvu disputi u ninforzaw ftehimiet organizzattivi u regolamenti legali tagħna.

## 8. Il-Liġi li Tiggverna

8.1. Dawn it-Termini għandhom jiġu rregolati u interpretati skond il-liġijiet ta' Malta. Kull disputa, talba jew azzjoni li toħroġ minn dawn it-Termini u Kundizzjonijiet tkun soġġetta għall-ġurisdizzjoni tat-Tribunali u tal-Qrati kompetenti ta' Malta.